Avviz Numru CCT 355/11/GZ

**Estelle Arcidiacono**

**vs**

**Concorde I.F.F. Ltd**

Illum 24 ta' Jannar 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-25 ta' Awissu, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' mija tlieta u sebghin Ewro u hames centezmi (*€173.05*), rapprezentanti l-prezz li hallset tal-merkanzija fuq il-materjal taghha li kien wasal Malta, pero' liema materjal qatt ma nstab.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fit-12 ta' April 2011 hija kienet ikkommissjonat lis-socjeta' ntimata sabiex tigbor numru ta' kaxxi mill-Ingilterra, liema kaxxi kien fihom oggetti 'second hand'. Il-materjal kien gie migbur fid-19 ta' April minn wiehed mill-agenti tas-socjeta' ntimata gewwa l-Ingilterra, u l-imsemmi materjal kellu jasal Malta il-gimgha ta' wara.

Fis-26 ta' April 2011, ir-rikorrenti rceviet avviz tal-wasla mis-socjeta' ntimata li l-materjal kien wasal Malta. Ir-rikorrenti anke cemplet l-ufficini tas-socjeta' ntimata, fejn inghatat konferma li l-materjal kien qieghed fil-mahzen ta' l-istess socjeta' gewwa Hal Far u giet nformata biex tmur l-

ufficju tas-socjeta' ntimata gewwa l-Marsa, sabiex thallas mija tlieta u sebghin Ewro u hames centezmi (€173.05) tal-merkanzija, tigbor id-dokumenti ta' l-ordni tal-konsenja u mbaghad setghat tmur tigbor il-materjal minn Hal Far.

Ir-rikorrenti marret il-Marsa sabiex thallas l-ammont imsemmi fuq il-merkanzija u mbaghad marret Hal Far. Meta waslet Hal Far u tathom id-dokumenti ghat-tigbir tal-materjal, dak il-hin biss giet informata li l-materjal taghha kien nieqes u li kienu qed jistennew twegiba mill-agenti taghhom gewwa l-Ingilterra rigward jekk il-materjal kien gie mghobbi jew le.

Wara diversi telefonati sabiex tipprova tintracca l-materjal taghha, ir-rikorrenti rceviet email mis-socjeta' ntimata fis-27 ta' April fejn giet mitluba taghmel il-claim ma' l-Insurance taghha ghaliex il-materjal ma setghax jinstab. Ir-rikorrenti cemplet lis-socjeta' ntimata immedjatament, fejn talbet rifuzjoni tal-hlas li kienet ghamlet fuq il-merkanzija, pero' s-socjeta' qaltilha biss li ghandha taghmel claim ma' l-Insurance taghha. Il-kumpannija ta' l-Insurance tar-rikorrenti kopriet biss il-valur tan-nefqa tal-materjal u mhux il-hlas tal-merkanzija.

Ir-rikorrenti hasset ruhha aggravata b'dan kollu, ghaliex hasset li ma gietx ittrattatha sew mis-socjeta' ntimata, specjalment meta l-istess socjeta' kienet taf il-hin kollu li l-materjal ma kienx wasal Malta pero' xorta wahda talbet lir-rikorrenti sabiex thallas tal-merkanzija. Skond ir-rikorrenti, dan kollu kien gie kkonmfermat ukoll mir-ragel taghha wara li kien tkellem ma' l-impjegat tas-socjeta', Nicky Xerxen. L-imsemmi Xerxen kien anke pprometta li jghaddilhom il-korrispondenza li kellu ma' l-agenti tas-socjeta' gewwa l-Ingilterra, liema korrispondenza turi b'mod car illi kienu ilhom jipprovaw jintraccaw l-materjal tar-rikorrenti qabel ma hija kienet hallset tal-merkanzija u ntbaghtet tigbor il-materjal. Xerxen kien anke informa lir-ragel tar-rikorrenti illi s-socjeta' ntimata thallashom l-ammont u tghaddilhom l-imsemmija korrispondenza, jekk ir-rikorrenti tiffirma dokument li jghid: "I receive the amount of Eur 173.05 and agree that I and my Insurance will not pursue furthur with any claim related to this shipment." Is-socjeta' ntimata staqsiet ukoll lir-rikorrenti sabiex ma turix dan id-dokument lill-agent ta' l-Insurance taghha, li ovvjament hija ghamlet. L-agenti ta' l-Insurance taghha tawha l-parir sabiex ma tiffirma l-ebda dokument u li ma ghandha l-ebda dritt li tiffirma ghall-Insurance taghha.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Tixtieq tigbed l-attenzjoni tat-Tribunal ghall-fatt li l-korrispondenza indirizzata minn naha tar-rikorrent gija bl-Ingliz. Skond Formola 2, kull korrispondenza indirizzata lit-Tribunal ghandha tkun bil-Malti.

Ghar-rigward tat-talba tar-rikorrent, ir-regolamenti li jiggvernaw il-garr tal-merkanzija, jigifieri il- "Malta International Freight Association" ma jippermettux li jsir dan il-hlas.

Trailer 1079, li kellu jgorr il-kaxxi tas-Sinjura Estelle Arcidiacono wasal fil-bond tas-socjeta' ntimata bis-sigill intatt. Dan ifisser li minn meta telaq it-trailer barra minn Malta, sakemm wasal il-bond tas-socjeta', it-trailer kien ghadu ssiggillat. Is-socjeta' ntimata skopriet li l-kaxxi tas-Sinjura Estelle ma kienux waslu, wara li t-trailer inhatt kollu. Staqsiet lir-rikorrent tipproduci il-fattura tal-kaxxi li ma waslux, izda r-risposta kienet li fattura m'ghandhomx, ghax il-merkanzija kienet inxtrat minn fuq l-idejn ('second hand'). Staqsiet ukoll jekk ghandhomx polza ta' assikurazzjoni fuq dawn il-kaxxi, fejn huma wiegbu fl-affermattiv. La darba kellhom polza ta' assikurazzjoni, din kienet tfisser li r-rikorrenti kienet ser tigi rifonduta kemm tal-valur tal-merkanzija kif ukoll il-freight charges. Marine Insurance fil-fatt dejjem tkopri "valur tal-merkanzija" kif ukoll il-"freight charges".

Madanakollu, il-kaz ghadu qieghed jigi ttrattat bejn l-Insurance tar-rikorrenti u l-Insurance tas-socjeta' ntimata.

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopja ta' ittra minghand 'GasanMamo Insurance' lis-socjeta' ntimata, iffirmata u datata 13 ta' Gunju 2011, fejn jinghad: "we would like to inform you that we have recently settled our insured's claim for the amount of €3,500.00."; u kopja ta' 'Discharge/Subrogation Form' iffirmata u datata 28 ta' Mejju 2011, li tirrifletti l-istess.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat l-verzjoni taghha bil-miktub billi stqarret li hija kienet gabet xi xoghol mill-Ingilterra u meta cemplet lis-socjeta' ntimata, hija kienet qaltilha li x-xoghol kien wasal u ghalhekk ir-rikorrenti kienet hallset is-somma ta' mija tlieta u sebghin Ewro u hames centezmi (€173.05) u telghat Hal Far sabiex tibgor il-materjal. Ir-rikorrenti kompliet tixhed li meta waslet, kienu qalulha li ma kien wasal xejn. Kienet irceviet email fejn qalulha li l-oggetti ma nstabux u qalulha biex tikkuntatja l-Insurance taghha. Stqarret li hija kienet diga' inxurjata ghall-istock biss.

Ir-rikorrenti ezebiet diversi dokumentati relatati mal-kaz in kwistjoni.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha stqarret illi hija tiehu hsieb is-sezzjoni tal-Insurance mas-socjeta' ntimata. Ir-rikorrenti ma pproducietx invoices ghaliex kienet xtrat l-oggetti mill-idejn. Il-flus tal-freight kienet diga' gabrithom mill-Insurance. Is-socjeta' kienet imxiet mal-procedura li tghidilha l-Insurance u li suppost ir-rikorrenti kienet gabrithom.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt li ma ngabet ebda prova sostenibbli rigwardanti l-valur tal-materjal li kien nxtara da parti tar-rikorrenti, u flimkien mal-fatt ukoll illi l-kwistjoni in ezami qieghed jigi ttrattat bejn il-kumpanniji ta' l-assikurazzjoni tal-partijiet, qed jichad it-talba tar-rikorrenti, pero' qed jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' hamsin Ewro (€50) lir-rikorrenti bhala danni morali ghall-inkonvenjenza li kkawzat lir-rikorrenti, liema nkonvenjenza setghat bla dubju ta' xejn tigi evitata, bl-ispejjez tal-kawza kontra rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**